**14 ta' Marzu, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

Piju Camilleri

*versus*

Carmel Attard bħala Editur u Dottor Austin Bencini LL.D., bħala Stampatur tal-ġurnal "Il-Ġens"

## Xhieda *Viva Voce* - Deposizzjoni ta' Xhud Quddiem Qorti Oħra

*L-artikolu 559 Kap. 12 jesiġi mingħand il-Qorti li hija għandha tordna li ssirilha l-aħjar prova, u din ċertament hija d-deposizzjoni quddiemha,* viva voce, *tax-xhud u mhux it-traskrizzjoni ta' deposizzjoni ta' l-istess xhud quddiem Qorti oħra.*

*Wieħed għandu jkollu dejjem id-dritt li jisma' u jara lix-xhud li qed jiddeponi u li jagħmillu l-kontro-eżami li l-każ jissuġġerixxi.*

Il-Qorti:-

F'din il-kawża, li hija waħda ta' libell famuż permezz ta' l-istampa, il-konvenuti f'ċertu stadju tal-kawża talbu li jagħmlu "riferenza formali għall-kawża **Lorry Sant vs Nutar Ġużè Abela** ***et*** pendenti quddiem il-Qorti Ċivili Prim'Awla ppresjeduta mill-Onorevoli Imħallef Dottor Joseph Said Pullicino;

L-attur oppona u ssottometta illi billi huwa ma huwiex parti f'dik il-kawża dawk il-provi jridu jsiru jew *viva voce* jew b'affidavit. L-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla ma laqgħetx l-opposizzjoni u qalet:

"Fit-tielet ktieb tal-Kap. 12 fit-Titoli "Fuq il-Provi" l-liġi tipprovdi fl-artikoli 558 li kull prova għandha tkun rilevanti għall-kwistjoni u fl-artikolu 559, li għandha ssir l-aħjar prova. Il-Qorti mhix f'posizzjoni f'dan l-istadju tal-kawża li tiddetermina jekk dawn ir-rekwiżiti tal-liġi humiex sejrin ikunu sodisfatti jew le bir-referenza fuq imsemmija u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel opposizzjoni ta' l-attur;

Dwar it-tieni, il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna kif ukoll l-artikolu 627 sub-artikolu (2) tal-Kap. 12 dwar provi permezz ta' dokumenti jagħmluha ċara illi fejn si tratta ta' dawn id-dokumenti m'hemm bżonn ebda prova oħra dwar l-ammissibilita` u awtentiċita` tagħhom ħlief dak li jipprovdi d-dokument innifsu u għalhekk f'dan l-istadju taċċetta t-talba li ssir din ir-riferenza";

L-attur qed jappella għaliex skond l-artikolu 577 Kap. 12 jirrikjedi li x-xhieda għandhom jinstemgħu *viva voce*, u jekk dan ma jsirx l-attur jitlef id-dritt tal-kontro-eżami. L-artikoli 577 sa 626

huma dawk li huma rilevanti u jindikaw kif għandhom jinstemgħu x-xhieda;

Huwa veru li riferenza għall-"provi" li saru jew qegħdin isiru f'kawża oħra toħloq diffikulta' teknika inkwantu l-atti ta' kawża li għadha ma ġietx konkluża ma jistgħux jiġu allegati, kif huwa possibbli u frekwentement isir fil-prattika forensi - dejjem pero' u sakemm il-partijiet jaqblu li dan isir. Dan għaliex l-artikolu 559 Kap. 12 jesiġi mingħand il-Qorti li hija għandha tordna li ssirilha l-aħjar prova, u din ċertament hija d-deposizzjoni quddiemha, *viva voce*, tax-xhud u mhux it-traskrizzjoni ta' desposizzjoni ta' l-istess xhud quddiem Qorti oħra;

Il-proċedura korretta tobbliga lill-konvenuti illi jipproduċu bħala xhieda lill-persuni li jkunu ddeponew fil-kawża **Sant *vs* Abela** li ssemmiet, u jista' wkoll, kif tippermetti l-liġi, li jikkontrollaw dik ix-xhieda, b'dak li jkunu qalu quddiem Qorti oħra, billi f'ċirkostanzi bħal dawn, imbagħad, kopji awtentiċi tat-traskrizzjonijiet huma ammissibbli;

L-aħħar (sic) diffikolta' biex tintlaqa' t-talba tal-konvenuti hija li l-attur għandu jkollu dejjem id-dritt li jisma' u jara lix-xhud li qed jiddeponi u li jagħmillu l-kontro-eżami li l-każ jissuġġerixxi;

Naturalment, diversi valuri minn dawk hawn imsemmija ġew abbandunati fil-Kap. 309 fix-xhieda b'affidavit, pero' fil-każ ta' deposizzjoni f'kawżi oħra għandhom japplikaw dawn ir-regoli;

Għal dawn ir-raġunijiet id-digriet qed jiġi rrevokat bl-ispejjeż;

L-atti għandhom jintbagħtu lura quddiem l-ewwel Onorabbli

Qorti għall-kontinwazzjoni tal-kawża.